

## Id-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA – dalwaqt EUSPA) jibda l-kariga tiegħu.

GSAPR/20/11 Praga, 16 ta' Ottubru 2020

Fis-16 ta' Ottubru 2020, Rodrigo da Costa beda jaqdi dmirijietu bħala Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA, li dalwaqt se ssir l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali). Huwa ġie elett mill-Bord tad-Diretturi tal-GSA fil-15 ta' Settembru 2020 u ltaqa' mal-Kumitat ITRE tal-Parlament Ewropew fit-12 ta' Ottubru 2020.

Is-Sur da Costa, ċittadin Portugiż li ħadem f'għadd ta' pajjiżi tal-UE, ingħaqad mal-GSA bħala l-Maniġer tal-Programm tas-Servizzi ta' Galileo f'Marzu 2017. F'din il-pożizzjoni huwa kien responsabbli għat-tmexxja ta' Galileo, is-sistema globali satellitari tal-UE, fil-fażi tal-provvista tas-servizzi tiegħu. Preċedentement kellu diversi karigi għolja fil-ġestjoni tal-proġetti, l-iżvilupp tan-negozju u l-ġestjoni tal-kontijiet istituzzjonali fl-industrija spazjali, fl-oqsma tat-titjir tal-bniedem fl-ispazju, tal-esplorazzjoni fl-ispazju, tal-lanċjaturi u tar-R & Ż.

Is-Sur da Costa issa se jaħdem fuq it-trasformazzjoni tal-GSA fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA). Huwa se jiżgura li l-attivitajiet eżistenti tiegħu jkomplu jitwettqu b'suċċess filwaqt li jwettaq ukoll attivitajiet ġodda li jridu jitwettqu taħt il-mandat il-ġdid tal-Aġenzija.

Sa mill-ħolqien tagħha fl-2004 il-GSA tat kontribut eċċezzjonali għas-sistemi satellitari ewlenin tal-UE Galileo u EGNOS, u dan ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-indipendenza u t-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni. B'persunal b'ħiliet għolja u ddedikat, l-aġenzija tat spinta lill-innovazzjoni, rawmet l-intraprenditorija, mexxiet il-provvista ta' servizzi, u stimulat l-ekonomija tal-UE, b'mod partikolari billi żgurat l-użu ta' Galileo u EGNOS f'firxa wiesgħa ta' segmenti tas-suq bis-saħħa ta' servizzi satellitari ta' kwalità għolja u siguri. B'ħarsitha ffukata fuq il-futur, il-EUSPA se tkompli tibni fuq il-ħidma tal-GSA, u se tassumi responsabbiltajiet addizzjonali ġodda għal aktar komponenti tal-Programm Spazjali tal-UE, inklużi attivitajiet f'Copernicus (il-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja) u GOVSATCOM (is-sistema sigura ta' komunikazzjoni governattiva bis-satellita).

F'kumment dwar id-dmirijiet il-ġodda tiegħu da Costa qal: "Li ssir Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija t'fisser, fuq kollox, li tmexxi tim ta' professjonisti eċċellenti u ddedikati. Ninsab eċċitat immens bl-opportunità li għandna biex nibnu EUSPA ta' suċċess, kontributor ewlieni tal-Programm Spazjali tal-UE. Ninsab ħerqan li naħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha tagħna. L-inkarigu huwa vast, iżda ninsab fiduċjuż li se nkunu kapaċi nagħtu sehemna, billi nuru liċ-ċittadini tal-UE x'nistgħu nagħmlu flimkien fl-attivitajiet spazjali tal-UE bħala GSA/EUSPA."

Is-Sur da Costa għandu lawrja fl-Inġinerija Aġruspazjali mill-Instytut Superior Técnico f'Lisbona, lawrja ta' Master fl-Inġinerija Aġruspazjali mill-Università ta' Delft, u MBA mill-konsorzju EuroMBA tal-Iskejjel tan-Negozju.

"Billi tuża l-assi tal-Programm Spazjali tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE, l-EUSPA se jkollha rwol fundamentali fil-kontribut għall-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni. Il-kompiti attwali tal-GSA dwar il-provvista ta' servizzi, is-sigurtà u l-użu mis-suq ta' EGNOS u Galileo, imsaħħa b'kompiti ġodda dwar il-GNSS Ewropea, Copernicus, u GOVSATCOM se jagħtu lill-EUSPA pożizzjoni ċentrali biex ikompli jikber l-użu tat-teknoloġiji spazjali madwar l-UE27 u lil hinn. Ninsab fiduċjuż li Rodrigo se jeċċella fit-tentattiv il-ġdid tiegħu" qal Alberto Tuozi, Aġent President tal-Bord tad-Diretturi tal-GSA.

[Hawn taħt se ssib link għal intervista b'filmat qasir mas-Sur da Costa.](#)

## Dwar l-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA)

L-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA), hija l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea inkarigata mill-ġestjoni tal-operazzjonijiet, tas-sigurtà u tal-provista ta' servizzi għas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), Galileo u EGNOS. Permezz tal-ħidma tagħha mal-partijiet ikkonċernati, mal-industrija, mal-fornituri tas-servizzi u mal-komunitajiet tal-utenti, il-GSA tiżgura l-ogħla redditu fuq l-investiment Ewropew fil-GNSS, timmultiplika l-benefiċċji tal-applikazzjonijiet spazjali għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej, tagħti spinta lill-innovazzjoni u lill-kompetittività, u tiżgura tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Għal aktar informazzjoni, żur is-[sit web tal-GSA](#).

## Għal aktar informazzjoni:

Cristina Comunian  
GSA Communications Officer  
Cristina.COMUNIAN@gsa.europa.eu  
Tel. +420 234 766 780  
Mobile: +420 778 537 344

Marie Ménard  
GSA Communications Officer  
Marie.Menard@gsa.europa.eu  
Tel +420 237 766 627  
Mobile: +420 602 619 776